

**Brussell, 29 ta' Settembru 2023
(OR. en)**

13306/23

**SOC 634
EMPL 453
ECOFIN 915
EDUC 364**

NOTA

minn:	Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Sfidi Soċjali Ewlenin: Messaġġi ewlenin mill-KPS abbażi tar-Rieżami Annwali tal-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali - Approvazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu l-messaġġi ewlenin abbażi tar-Rieżami Annwali tal-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali u l-iżviluppi fil-politiki ta' protezzjoni soċjali, kif iffinalizzati mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali fis-26 ta' Settembru 2023, bil-ħsieb tal-approvazzjoni tagħhom mill-Kunsill (EPSCO) fid-9 ta' Ottubru 2023.

Ir-Rapport sħiħ jinsab fid-dokument 13306/23 ADD 1.

Il-Profilu tal-Pajjiżi tal-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali (MPPS) annessi ma' dan ir-rapport jinsabu fid-dokumenti 13306/23 ADD 2-4.

Messaġġi ewlenin

1. **Il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) wettaq il-mandat tiegħu kif stipulat fl-Artikolu 160 TFUE u pproduċa għall-Kunsill ir-rieżami annwali tiegħu tas-sitwazzjoni soċjali fl-UE u l-iżviluppi tal-politika fl-Istati Membri**, abbażi tal-aktar data u informazzjoni reċenti disponibbli. Fuq din il-bażi, il-KPS jenfasizza s-sejbiet u l-prijoritajiet komuni li ġejjin, li għandhom jiggwidaw il-ħidma ta' thejjiġa għall-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir tal-2024.
2. Fl-2022, **il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna** ġiet fi żmien meta l-Ewropa kienet qed turi sinjali qawwija ta' rkupru mix-xokk ekonomiku bla preċedent minħabba l-pandemija tal-COVID-19. Dan wassal għal tnaqqis qawwi sussegwenti fir-ritmu ekonomiku. **It-tkabbir ekonomiku** fl-UE naqas matul l-2022, iżda minkejja l-biżgħat ta' reċessjoni, it-tkabbir pożittiv fl-ewwel nofs tal-2023 wera r-reżiljenza tal-ekonomija Ewropea f'kundest dinji diffiċli. L-impjiegi totali komplew jespandu fl-2022, għalkemm b'pass aktar bil-mod matul is-sena, u bir-rata ta' **impjieg** ta' persuni ta' bejn l-20 u l-64 sena tilħaq 75.3 % fl-ewwel trimestru tal-2023. Ir-rata tal-qgħad baqgħet stabbli ħafna b'6.2 % matul l-2022 (ferm taħt ir-rata ta' 6.5 % f'Marzu 2020, ftit qabel ma bdiet il-kriżi tal-COVID-19), u laħqet rekord baxx ġdid ta' 5.9 % f'April 2023, b'rati għoljin ta' parteċipazzjoni u ta' impjieg.
3. **Il-prezzijiet** żdiedu b'mod sinifikanti minn Frar 2022 meta r-Russja nediet il-gwerra ta' aggressjoni tagħha. Filwaqt li dawn iż-żidiet fil-prezzijiet inizjalment kienu xprunati minn żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija, il-pressjonijiet twessgħu hekk kif kostijiet oġhla tal-enerġija għaddew fuq l-ikel, is-servizzi u oġġetti oħra. Dan kellu impatt fuq il-prezzijiet għall-konsumatur u konsegwentement il-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi, speċjalment għal familji b'introjtu aktar baxx li jonfqu parti ikbar tal-introjtu tagħhom fuq l-enerġija u l-ikel. Madankollu, wara li laħqet l-oġhla livell tagħha fl-2022, l-inflazzjoni globali kompliet tonqos fl-ewwel kwart tal-2023 fost tnaqqis qawwi fil-prezzijiet tal-enerġija.

4. It-tkabbir sena wara sena **fl-introjtu reali aggregat tal-unitajiet domestiċi** fl-UE naqas matul l-2022, u sar negattiv fit-tielet u r-raba' trimestri. Dan irrifletta prinċipalment l-impatt taż-żieda fl-inflazzjoni u t-tnaqqis fil-kumpens reali tal-impjegati u ta' dawk li jaħdmu għal rashom, kif ukoll kontribuzzjoni reali negattiva sena wara sena minn benefiċċji soċjali (netti). Fl-ewwel trimestru tal-2023, l-introjtu tal-unitajiet domestiċi baqa' ġeneralment stabbli fuq sena waħda f'termini reali (+0.3 %), li jirrifletti li t-tnaqqis fil-pagi reali (kontribuzzjoni ta' -0.9 %) kien fil-biċċa l-kbira b'bilanċjat mit-taxxi, il-benefiċċji u trasferimenti oħra (kontribuzzjoni ta' +0.9 %).
5. **Fir-rigward tal-progress lejn il-mira tal-2030 għat-tnaqqis tal-faqar, kien hemm stabbiltà ġenerali fl-UE fl-2022 meta mqabbla mas-sena ta' qabel** (bi tnaqqis ta' 0.1 punti perċentwali fir-rata tar-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali) **u matul l-aħħar 3 snin**. Din l-istabbiltà tirrifletti tnaqqis fl-għadd ta' persuni f'riskju ta' faqar¹ u ta' dawk li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg, iżda żieda fil-komponent tad-deprivazzjoni materjali u soċjali estrema. Fil-livell tal-Istati Membri, madwar kwart tal-pajjiżi rreġistraw tnaqqis sinifikanti fir-rati tagħhom ta' riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fl-2022. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma rreġistraw l-ebda bidla sinifikanti fir-rati tagħhom. B'kuntrast ma' dan, fi ftit Stati Membri, b'rati aktar baxxi mill-medja kien hemm żieda, filwaqt li l-biċċa l-kbira ta' dawk b'rati ogħla mir-rati medji fil-fatt raw ir-rati jonqsu, u dan jindika xi grad ta' konverġenza fil-prestazzjonijiet tal-Istati Membri. **L-istimi rapidi tal-Eurostat li jirreferu għall-introjti tal-2022** jissuġġerixxu wkoll li l-faqar baqa' ġeneralment kostanti bħala medja fl-2022.

¹ Dan jirreferi għall-introjtu fl-2021.

6. **Din l-istabbiltà hija wkoll ir-riżultat ta' miżuri ta' appoġġ** għall-introjtu fis-seħħ biex jittaffa l-impatt ta' inflazzjoni għolja, li sostnew l-introjtu disponibbli f'termini nominali. Dan jikkonferma l-impatt pożittiv tal-miżuri eċċezzjonali adottati kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri f'dawn l-aħħar tliet snin. Dawn effettivament kienu qed itaffu l-impatti negattivi tal-kriżijiet tal-pandemija, tal-enerġija u tal-inflazzjoni fuq l-introjtu, għall-kuntrarju ta' dak li ġie esperjenzat wara l-kriżi finanzjarja tal-2008. Iż-żieda fl-għoli tal-ħajja, madankollu, taffettwa l-introjtu reali, kif tidher parzjalment mill-istima tar-rata ta' riskju ta' faqar (AROP) ankrata fl-2021² li turi żieda għal madwar nofs l-Istati Membri u tindika deterjorament possibbli tal-istandards tal-għajxien f'diversi pajjiżi. Tabilħaqq, filwaqt li l-introjtu disponibbli medjan tal-UE huwa stmat li żdied b'madwar 7 % f'termini nominali, dan naqas b'madwar 2 % f'termini reali.
7. Fir-rigward tal-mira komplementari, **il-faqar fost it-tfal baqa' wkoll ġeneralment stabbli fl-2022**, bl-għadd ta' tfal friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali juri biss żieda marġinali (żieda ta' 0.3 miljun) meta mqabbel mal-2021. Dan huwa dovut għal tnaqqis żgħir fil-popolazzjoni tat-tfal friskju ta' faqar, tnaqqis aktar sostanzjali fl-għadd ta' tfal li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjeg, u żieda f'dawk li qed jesperjenzaw privazzjoni materjali u soċjali severa. Madankollu, fl-2022 l-għadd ta' tfal friskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali kien ogħla minn dak tas-sena ta' referenza 2019 b' 0.9 miljun.

² Il-persuni fir-riskju tal-faqar ankrati fil-livell ta' 2021 huma dawk b'introjtu disponibbli ekwivalizzat taħt il-limitu tar-riskju ta' faqar ikkalkulat fl-2021 aġġustat bl-evoluzzjoni tal-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur (HICP) bejn l-2021 u l-2022. L-indikatur ankrat tal-AROP huwa definit b'ħala l-perċentwal ta' persuni fil-popolazzjoni totali li huma taħt dan il-limitu tal-faqar aġġustat għall-inflazzjoni. L-indikatur ikopri parzjalment l-evoluzzjonijiet tal-prezzijiet u l-impatt tagħhom fuq l-introjtu.

8. Ċerti **żviluppi pożittivi fis-sitwazzjoni soċjali** setgħu jiġu osservati, minkejja l-isfidi li fadal, b'aktar Stati Membri jirreġistraw bidliet pożittivi minn dawk li jirreġistraw bidliet negattivi fl-oqsma li ġejjin:
- tnaqqis fis-sehem tal-popolazzjoni li tgħix **f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg** fi kważi nofs l-Istati Membri **b'qgħad fit-tul** fi kważi terz, u żidiet kontinwi fir-rata ta' **impjieg** ta' ħaddiema akbar fl-età fi kważi l-Istati Membri kollha, li jirriflettu titjib fis-suq tax-xogħol;
 - is-sitwazzjoni **għaż-żgħażaġh** tjiebet ukoll, bi tnaqqis fl-għadd ta' dawk barra mill-educazzjoni, impjieg jew taħriġ (NEETs) u r-rata ġenerali tal-UE naqset ukoll;
 - kien hemm ukoll tnaqqis sinifikanti fil-**profondità tal-faqar** (jiġifieri l-ispariġġ medjan relattiv tar-riskju tal-faqar) għall-popolazzjoni ġenerali f'aktar minn terz tal-Istati Membri kif ukoll għall-popolazzjoni tat-tfal.
9. Madankollu, kien hemm xi **oqsma li għandhom jiġu ssorveljati** fir-rigward tal-aħħar żviluppi, li huma:
- żidiet fir-rata ta' **privazzjoni materjali u soċjali estrema** u fir-rata standard ta' privazzjoni materjali u soċjali għall-popolazzjoni ġenerali u għat-tfal f'madwar terz tal-Istati Membri, li jirriflettu li l-introjtu disponibbli reali tal-unitajiet domestiċi mar għall-aġar fl-2022, hekk kif l-affordabbiltà ta' ħafna oġġetti naqset minħabba ż-żieda fl-inflazzjoni. Dan kien rifless ukoll f'żidiet sinifikanti rata tal-**piż eċċessiv tal-kost tal-abitazzjoni** f'għadd ta' pajjiżi;

- **deterjorament fis-sitwazzjoni tal-faqar u tal-introjtu relattiv tal-persuni akbar fl-età** (ta' 65 sena jew aktar), b'żieda fir-rata tagħhom ta' riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali fi kważi nofs l-Istati Membri. L-introjtu relattiv mill-pensjonijiet kif rifless mill-proporzjon ta' sostituzzjoni aggregat naqas f'għadd simili ta' Stati Membri.
 - żviluppi mħallta fir-rigward tal-**inugwaljanzi fl-introjtu**, b'deterjorazzjoni fi kważi nofs l-Istati Membri iżda b'titjib f'għadd simili ta' Stati Membri.
10. Il-**Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali** jistabbilixxi l-qafas meħtieġ għal azzjonijiet fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri. Flimkien mat-**tliet miri ewlenin tal-UE** fl-oqsma tal-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, il-Pilastru ser jikkontribwixxi biex tinkiseb konverġenza soċjali 'l fuq fost l-Istati Membri. Peress li l-miri huma interdipendenti u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku, għandhom jittieħdu **azzjonijiet ta' politika koerenti** fl-oqsma ta' politika kollha.
11. L-Istati Membri għandhom ikomplu jieħdu **azzjonijiet immirati biex itaffu l-impatt ta' żidiet fil-prezzijiet u l-volatilità**. Jenħtieġ li l-kapaċità tal-akkwist tal-unitajiet domestiċi tiġi protetta, speċjalment għal familji b'introjtu aktar baxx li jonfqu parti akbar tal-introjtu tagħhom fuq l-enerġija u l-ikel (u servizzi essenzjali oħra) u li konsegwentement qed jiġu affettwati dejjem aktar minn privazzjoni materjali u soċjali. F'dan il-kuntest, **il-valutazzjoni tal-impatt distributtiv tal-politiki u r-riformi** tista' tgħin biex jiġu evitati l-effetti soċjali negattivi tal-miżuri fuq il-faqar u l-inugwaljanzi u għandha tintuża b'mod aktar sistematiku meta jitfasslu miżuri ta' riforma u matul l-ibbaġitjar.
12. Fl-ambjent internazzjonali u ekonomiku inċert attwali, id-**dinamika pożittiva tal-impjiegi tal-irkupru wara l-COVID-19** għandha tkun akkumpanjata minn **politiki ta' protezzjoni soċjali u ta' inklużjoni appoġġati b'investiment soċjali** biex jiġi żgurat tkabbir ekwu, tittejjeb aktar ir-reżiljenza tal-ekonomiji u tas-soċjetajiet u jitnaqqsu r-riskji għall-unitajiet domestiċi u l-individwi vulnerabbli, inklużi dawk relatati mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

13. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu **jimmodernizzaw is-sistemi ta' protezzjoni soċjali u ta' inklużjoni soċjali tagħhom**, filwaqt li jagħtu attenzjoni lill-adegwatezza, il-kopertura u l-użu tal-benefiċċji, flimkien b'mod effettiv ma' miżuri ta' inklużjoni attiva, filwaqt li jibnu wkoll fuq it-tagħlimiet meħuda matul il-kriżi tal-COVID-19 filwaqt li jfasslu miżuri aktar permanenti. Jenħtieġ li jipprovdu, u fejn meħtieġ isaħħu, xbieki ta' sikurezza soċjali robusti, billi jintegraw appoġġ adegwat għall-introjtu (permezz ta' benefiċċji tal-introjtu minimu u benefiċċji monetarji oħra li jakkumpanjawhom), benefiċċji in natura, u aċċess għal servizzi abilitanti u essenzjali, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva. Is-simplifikazzjoni u r-razzjonalizzazzjoni tal-benefiċċji huma meħtieġa wkoll biex jiġi żgurat l-użu, filwaqt li l-indiċjar adegwat tagħhom huwa kruċjali fil-kuntest tar-rati ta' inflazzjoni għoljin attwali.
14. Jenħtieġ li titrawwem **il-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema kollha u għal dawk li jaħdmu għal rashom**, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom. Ir-rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni juri li hemm varjazzjoni konsiderevoli fil-livell ta' ambizzjoni tal-Istati Membri fl-iżgurar ta' kopertura formali u effettiva permezz ta' skemi ta' protezzjoni soċjali adegwati u trasparenti. Madwar nofs l-Istati Membri ppjanaw riformi importanti biex itejbu l-parteċipazzjoni fi skemi ta' protezzjoni soċjali għal kategoriji speċifiċi ta' persuni fis-suq tax-xogħol; madankollu dawn għadhom mhumiex implimentati kollha. F'ħafna Stati Membri, il-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali taw inqas attenzjoni fuq l-iżgurar ta' kopertura effettiva b'mod partikolari billi jiġu adattati r-regoli li jirregolaw l-intitolamenti u titjeb it-trasparenza. Għalhekk, huma meħtieġa aktar sforzi ta' implimentazzjoni biex jingħalqu l-lakuni eżistenti.

15. Kontra d-deterjorament tal-**faqar fost it-tfal**, huma meħtieġa miżuri biex titkisser it-tranżmissjoni interġenerazzjonali tal-faqar, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal. B'mod partikolari, id-disponibbiltà, il-kwalità u l-affordabbiltà tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal huma kruċjali biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi tat-tfal, u jappoġġaw il-parteċipazzjoni tal-ġenituri fis-suq tax-xogħol.
16. Il-kriżi tal-enerġija enfasizzat il-ħtieġa li jiġi żgurat l-aċċess għal **servizzi essenzjali**, speċjalment biex jittaffew l-impatti soċjali negattivi taż-żieda fil-prezzijiet. Ir-rapport reċenti tal-Kummissjoni dwar l-aċċess għal servizzi essenzjali kkonferma li, filwaqt li l-maġġoranza tal-popolazzjoni fl-UE għandha aċċess għal servizzi essenzjali (inklużi l-enerġija, l-ilma, is-sanietà, it-trasport u s-servizzi diġitali), il-persuni f'riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali u dawk l-aktar emarġinati jiffaċċjaw l-akbar ostakli fl-aċċess għal tali servizzi. Ir-rapport enfasizza li l-affordabbiltà tista' tikkostitwixxi ostaklu importanti għall-aċċess ugwali speċjalment għall-enerġija, segwit mill-komunikazzjonijiet diġitali, it-trasport, u l-ilma u s-sanietà. Għalhekk, l-indirizzar tal-**faqar enerġetiku** huwa kruċjali biex tiġi żgurata l-ġustizzja fit-tranżizzjoni ekoloġika, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika. Id-disponibbiltà u l-aċċessibbiltà jgħolqu wkoll sfidi għall-aċċess, xi drabi marbuta ma' ostakli oħra, bħan-nuqqas ta' ħiliet jew fatturi ġeografiċi (id-distakk urban-rurali, ir-reġjuni remoti u insulari). Il-finanzjament tal-UE, inkluż il-Pjan REPowerEU, jista' jappoġġa sforzi tal-Istati Membri kemm fl-indirizzar tax-xenarji inċerti attwali kif ukoll l-isfidi strutturali fl-aċċess għal servizzi essenzjali.

17. Ir-Rappurtar Soċjali Tematiku tal-2023 ħa kont tal-miżuri eżistenti u eċċezzjonali tal-Istati Membri biex **jiffaċċjaw il-kriżi tal-enerġija u tal-għoli tal-ħajja**. F'perspettiva li tħares 'il quddiem, huwa meħtieġ li jkompli jsir fokus fuq il-politiki li jindirizzaw il-faqar enerġetiku. Jenħtieġ li l-istrateġiji nazzjonali fit-tul jiġbru flimkien l-adattamenti tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali u tal-inklużjoni soċjali mas-servizzi soċjali. Miżuri permanenti, bħal b'mod speċjali mekkaniżmi ta' indiċjar tal-pagi u l-benefiċċji soċjali, jikkontribwixxu biex itaffu l-effetti ta' inflazzjoni għolja fuq l-introjtu reali u l-istandards tal-għajxien. F'dan ir-rigward, jista' jiġi nnutat li sa issa dawn il-miżuri ma ssarrfux f'"żidiet ulterjuri fl-inflazzjoni". Il-miżuri ta' appoġġ biex jiġi miġġieled speċifikament il-faqar enerġetiku billi tittiejeb l-affordabbiltà tal-enerġija huma fil-biċċa l-kbira temporanji (82 %) u għandhom it-tendenza li jkunu universali. Il-biċċa l-kbira ta' dawn il-miżuri temporanji ser jintemmu sal-aħħar tal-2023, li jindika ħtieġa potenzjali li jkompli jsir fokus fuq il-politiki li jindirizzaw il-faqar enerġetiku b'mod aktar strutturali. Huma meħtieġa wkoll approċċi mmirati biex itaffu b'mod aktar effettiv l-impatti negattivi tal-kriżi għal dawk li huma aktar vulnerabbli u aktar affettwati. Jenħtieġ li jiġu implimentati strutturi ddedikati għall-valutazzjoni, il-monitoraġġ u l-indirizzar tal-faqar enerġetiku, anke bil-ħsieb li l-miżuri ta' politika ta' emerġenza jiġu mmirati aħjar.
18. Għandhom isiru aktar sforzi biex tiġi pprovduta **akkomodazzjoni affordabbli**, inkluż akkomodazzjoni soċjali u/jew akkomodazzjoni għall-kiri affordabbli, permezz ta' pjanijiet, riformi u investimenti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni wkoll lil ħtiġijiet speċifiċi ta' akkomodazzjoni, bħall-akkomodazzjoni għal persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u persuni b'diżabilità. Il-prevenzjoni ta' żgumbramenti u politiki tal-Akkomodazzjoni l-Ewwel għall-**persuni mingħajr dar**, għandhom jiġu implimentati kif ukoll politiki ta' desegregazzjoni. Huma meħtieġa oqfsa ta' monitoraġġ u koordinazzjoni tal-politiki dwar l-akkomodazzjoni aktar b'saħħithom (inkluż il-kontrolli tal-keru u t-tassazzjoni) ma' politiki soċjali oħra (eż. appoġġ għall-introjtu u benefiċċji għall-akkomodazzjoni) u servizzi (eż. it-trasport). L-Istati Membri qed jaħdmu fil-qafas tal-Pjattaforma Ewropea għall-Ġlieda kontra l-Kondizzjoni ta' Persuni Mingħajr Dar biex tintemm il-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar sal-2030.

19. Fil-kuntest ta' inflazzjoni għolja u miżuri ta' żieda fil-kostijiet tal-enerġija, **il-pensjonanti** jistgħu jkunu aktar fraġli peress li għandhom inqas kontroll u flessibbiltà fl-aġġustament tal-introjtu tagħhom b'reazzjoni għal ċirkostanzi li qed jinbidlu. Jenħtieġ li l-Istati Membri jipproteġu l-istandards tal-għajxien tal-pensjonanti billi jadottaw miżuri mmirati lejn gruppi vulnerabbli, bħall-pensjonanti b'introjtu baxx. F'konformità mal-ispeċifitàjiet nazzjonali, minbarra l-indiċjar tal-pensjonijiet, jistgħu jiġu kkunsidrati miżuri mmirati addizzjonali, bħal hłas ibbażat fuq l-eżami tal-mezzi, li jiddependi mit-tfassil tas-sistema tal-pensjonijiet. L-isforzi biex tiġi mħarsa l-effettività tal-protezzjoni soċjali fix-xjuħija, l-adeqwatezza tal-pensjonijiet u s-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet għandhom jissukktaw mill-Istati Membri, f'kuntest ta' riformi strutturali biex jiffaċċjaw l-isfidi ta' popolazzjoni li qed tixjieħ, l-għadd dejjem jonqos ta' Ewropej fl-età tax-xogħol, u s-swieq tax-xogħol li qed jevolvu. It-trawwim ta' parteċipazzjoni akbar fis-suq tax-xogħol b'mod ġenerali jew l-appoġġ speċifiku għall-impjieġ ta' ħaddiema akbar fl-età jistgħu jgħinu biex itejbu l-livell tal-pensjonijiet u s-sostenibbiltà fiskali tas-sistema tal-pensjonijiet.

20. Jeħtieġ li jiġu indirizzati dgħuffijiet sistemiċi fis-sistemi nazzjonali tal-kura biex jiġi żgurat **l-aċċess għal servizzi tal-kura fit-tul affordabbli ta' kwalità għolja**, fl-isfond ta' żieda qawwija fid-domanda għas-servizzi tas-saħħa u tal-kura fit-tul u inqas persuni fl-età tax-xogħol li jikkontribwixxu għall-iskemi ta' protezzjoni soċjali. Il-miżuri ta' implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-2022 dwar l-aċċess għall-kura fit-tul affordabbli u ta' kwalità tajba jistgħu jgħinu biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi. L-għoti ta' kura fit-tul huwa kruċjali wkoll fil-kuntest tal-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol u r-rispett tad-drittijiet bażiċi tal-bniedem ta' persuni fil-bżonn ta' kura. Filwaqt li jespandu l-offerta ta' servizzi ta' kwalità tajba, li jkunu ffukati fuq il-persuna u jirrispettaw il-libertà tal-għażla, l-investimenti fit-tixjiħ b'saħħtu, il-prevenzjoni u r-riabilitazzjoni jistgħu jgħinu biex titnaqqas id-domanda għall-kura fit-tul. Integrazzjoni aħjar tas-servizzi tas-saħħa u tal-kura fit-tul tista' twieġeb aħjar għall-ħtiġijiet tal-kura u tiżgura wkoll l-aħjar użu ta' riżorsi finanzjarji u umani limitati. Huwa meħtieġ fokus aktar b'saħħtu fuq l-istandards tal-kwalità u l-assigurazzjoni tal-kwalità. Jeħtieġ li jiġu segwiti miżuri biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u biex jinżamm u jiġi attirat il-persunal. Id-diġitalizzazzjoni u soluzzjonijiet innovattivi oħra jistgħu jgħinu biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol kif ukoll biex in-nies jistgħu jibqgħu jgħixu b'mod indipendenti aktar fit-tul fid-dar.

21. Wara l-pandemija tal-COVID-19, jenħtieġ li l-Istati Membri jkomplu jindirizzaw l-isfidi eżistenti tas-**sistemi tas-saħħa** Ewropej u jtejbju r-reżiljenza u t-tnejjija tagħhom għal kriżijiet futuri possibbli. Ir-riformi għandhom jinkludu t-titjib tal-faċilitajiet tas-saħħa, it-titjib tal-kapaċitajiet tas-saħħa pubblika, l-indirizzar tan-nuqqas ta' ħaddiema, it-titjib tal-kura preventiva u l-introduzzjoni ta' innovazzjonijiet. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tipprovdi appoġġ sinifikanti għall-isforzi nazzjonali ta' riforma. Għandhom jiġu żgurati xbieki ta' sikurezza effettivi għall-ġoti ta' aċċess għall-kura tas-saħħa lil dawk l-aktar vulnerabbli. Aktar sforzi biex titjeb il-kura integrata, inkluż il-koordinazzjoni mas-servizzi soċjali, ser ikunu kruċjali biex titjeb l-effiċjenza tal-kura. L-introduzzjoni tat-telemediċina u ta' soluzzjonijiet diġitali oħra b'kont meħud ukoll tad-distakk diġitali għandha tkompli ttejjeb l-aċċessibilità tal-kura u tippromwovi eżiti tas-saħħa aħjar għall-popolazzjoni. It-tisħiħ tal-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard ser ikun kruċjali biex jittejbju l-eżiti tas-saħħa. Il-pandemija tal-COVID-19 kienet sfida partikolari għas-saħħa mentali, u kellha impatti soċjali sinifikanti u affettwat b'mod negattiv il-benesseri u l-kwalità tal-ħajja ġenerali tal-individwi, speċjalment fost iż-żgħażaġh. F'konformità mal-inizjattiva reċenti tal-Kummissjoni dwar l-approċċ komprensiv għas-saħħa mentali, huma meħtieġa sforzi biex jinbena approċċ integrat u transsettorjali għas-saħħa mentali, anke billi jiġu integrati s-servizzi tas-saħħa mentali fil-kura primarja u ssir bidla għal kura bbażata fil-komunità.
22. Is-**Semestru Ewropew** ikompli jkun għodda ta' koordinazzjoni effettiva biex jitrawmu t-tkabbir ekonomiku sostenibbli u inklużiv, il-kompetittività, l-impjegi u l-protezzjoni soċjali adegwata u l-inklużjoni soċjali. Peress li ħafna mill-miżuri ta' riforma meħuda mill-Istati Membri huma parti mill-pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza, jibqa' essenzjali li l-Kunsill EPSCO u l-korpi konsultattivi tiegħu jinżammu involuti mill-qrib fil-monitoraġġ li għaddej tal-implimentazzjoni ta' dawn il-pjanijiet.

23. Biex tissaħħaħ l-Ewropa Soċjali u tiġi appoġġata l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi rispettivi, għandu jinżamm **djalogu** kostruttiv fost l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri, is-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.
24. Fl-opinjoni orizzontali konġunta mal-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) dwar is-Semestru Ewropew 2023 għall-Kunsill EPSCO ta' Ġunju 2023, l-EMCO u l-KPS appellaw għall-istabbiliment ta' koordinazzjoni aktar mill-qrib bejn il-politiki ekonomiċi, fiskali, tal-impjiegi u dawk soċjali. F'dan il-kuntest, il-Kumitati jirrikonoxxu l-ħtieġa li jimmodernizzaw l-għodod ta' monitoraġġ tagħhom, filwaqt li jevitaw ir-riskji ta' piż amministrattiv akbar. L-oqfsa ta' monitoraġġ soċjali, inklużi l-għodod analitiċi użati fir-rapport annwali tal-KPS, bħalissa qed jiġu rieżaminati mill-Kumitat, xi wħud flimkien mal-EMCO skont il-kas, biex jiġu ssimplifikati u kkonsolidati l-għodod eżistenti.
25. Il-Kummissjoni Ewropea mistiedna tqis il-gwida ta' politika ta' hawn fuq fil-ħidma ta' tħejjija tal-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2024.